Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15322/23**

**JEUN 258**
**SOC 761**
**SAN 653**
**EDUC 432**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Id-dritt għas-saħħa mentali huwa marbut mad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, minqux fl-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mad-dritt għall-integrità tal-persuna, inkluż l-integrità mentali, previst fl-Artikolu 3, u d-dritt għall-kura tas-saħħa fl-Artikolu 35 tal-Karta. It-Trattati tal-UE espliċitament jagħtu kompetenzi ta' appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jindirizzaw problemi ta' saħħa mentali, speċifikament, fl-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u fl-Artikolu 3(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-Artikolu 153(1) TFUE jagħti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni setgħat impliċiti fil-qasam tas-saħħa tal-ħaddiema.

2. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala "stat ta' benesseri mentali li fih in-nies jifilħu sew għall-istress tal-ħajja, jistgħu jagħrfu l-potenzjal tagħhom stess, jitgħallmu u jaħdmu tajjeb, u jkunu kapaċi jikkontribwixxu għall-komunità tagħhom"[1]. Il-monitoraġġ tas-saħħa mentali jifforma parti mill-isforzi biex jinkiseb l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 3, Mira 3.4[2].

[1] Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Dokumenti Informattivi tad-WHO, "Mental health: strengthening our response", 2022.

[2] In-Nazzjonijiet Uniti, L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), SDG3, Mira 3.4: "Sal-2030, il-mortalità qabel iż-żmien mill-mard mhux komunikabbli titnaqqas b'terz permezz tal-prevenzjoni u t-trattament u l-promozzjoni tas-saħħa u l-benessri mentali".

3. L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ #5[3], li hu li jinkiseb benesseri mentali aħjar u tintemm l-istigmatizzazzjoni ta' problemi ta' saħħa mentali, u b'hekk tiġi promossa l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha, jiffoka partikolarment fuq miżuri ta' prevenzjoni, l-iżvilupp ta' approċċ intersezzjonali inklużiv u l-ġlieda kontra l-istigma. Barra minn hekk, l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ #3 jippromwovi l-inklużjoni taż-żgħażagħ kollha fis-soċjetà, filwaqt li l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ #9 jipprova jsaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u l-awtonomija taż-żgħażagħ.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

4. Is-soċjetajiet tagħna ġew mheżża mill-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-kriżi tal-ikel u tal-enerġija li ħolqot, il-kriżi tal-inflazzjoni u l-kriżi klimatika, li kollha żdiedu u qed ikomplu jżidu stress soċjetali fuq iż-żgħażagħ u bihom inugwaljanzi preeżistenti qed jidhru saħansitra iktar. Dawn il-kriżijiet suċċessivi kellhom impatt fuq gruppi differenti ta' żgħażagħ f'livelli differenti, fejn gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli qed jintlaqtu sproporzjonalment. Sar ċar ukoll li dawk iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet ma għandhomx aċċess ugwali għad-drittijiet tal-bniedem bħall-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni[4] u l-kura tas-saħħa. Fatturi li jinkludu s-saħħa mentali u fiżika, il-kundizzjonijiet tal-għajxien, tax-xogħol u tal-akkomodazzjoni, aċċess għal tagħlim formali, mhux formali u informali, opportunitajiet ta' impjieg u attivitajiet ta' divertiment, fosthom attivitajiet fiżiċi u sportivi, u r-relazzjonijiet soċjali, huma kollha kruċjali għar-reżiljenza taż-żgħażagħ. Dawn l-aħħar snin ħallew l-impatt tagħhom fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ fl-UE, u b'hekk naqqsu l-ġid ġenerali tagħhom[5].

---

3 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1

4 Kif indikat mill-Eurostat fiċ-ċifri tal-2020, l-Istati Membri kollha tal-UE wrew rata ogħla ta' privazzjoni ta' abitazzjoni gravi fost iż-żgħażagħ milli fost il-popolazzjoni inġenerali.

5 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final.

5. Skont stimi ppubblikati mill-Istitut għall-Metrika u l-Evalwazzjoni tas-Saħħa (IHME)[6], aktar minn wieħed minn kull sitt żgħażagħ fl-UE—aktar minn 14-il miljun persuna—sofrew minn disturb fis-saħħa mentali fl-2019 (17.4 % tal-persuni ta' bejn il-15 u d-29 sena). Il-proporzjon ta' żgħażagħ li rrapportaw sintomi ta' dipressjoni żdied b'aktar mid-doppju f'bosta pajjiżi tal-UE matul il-pandemija tal-COVID-19, fejn intlaqtu partikolarment nisa u żgħażagħ minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati.

6. L-edizzjoni tal-2022 ta' "Health at a Glance: Europe"[7] tiddikjara li kważi wieħed minn kull żewġ żgħażagħ Ewropej (49 %) irrapportaw ħtiġijiet mhux moqdija għall-kura tas-saħħa mentali fl-2022 (53 % fl-2021), meta mqabbla ma' 23 % tal-popolazzjoni adulta. Ir-rapport jenfasizza li l-inugwaljanzi fis-saħħa mentali fost iż-żgħażagħ, inkluż skont il-ġeneru, ippersistew ukoll - u f'xi każijiet infirxu - matul il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, bħalissa s-suwiċidju huwa t-tieni kawża ewlenija ta' mewt fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa.

7. Data mill-istudju tal-Eurofound "Living, Working and COVID-19"[8] żvelat li żgħażagħ ta' bejn it-18 u d-29 sena li qiesu li l-unità domestika tagħhom għandha diffikultajiet finanzjarji kienu f'riskju akbar li jsofru minn dipressjoni matul il-pandemija. Bħala medja madwar l-UE, żewġ terzi taż-żgħażagħ li rrapportaw diffikultajiet finanzjarji jistgħu jitqiesu li kienu f'riskju ta' dipressjoni matul il-pandemija (67 %), meta mqabbla ma' ftit inqas minn nofs (45 %) dawk li ma rrappurtawx diffikultajiet finanzjarji.

---

6 Global Health Data Exchange (GHDx), Istitut għall-Metrika u l-Evalwazzjoni tas-Saħħa, 2020.

7 L-OECD u l-Unjoni Ewropea, "Health at a Glance: Europe 2022, State of Health in the EU Cycle", Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2022.

8 Eurofound, "Living, working and COVID-19 dataset", 2021.

8. Skont l-istħarriġ tal-UE dwar is-Solitudni li sar fl-2022[9], is-solitudni tinħass aktar fiż-żgħażagħ meta mqabbla ma' ġenerazzjonijiet akbar fl-età. Għalkemm is-solitudni fost iż-żgħażagħ żdiedet b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-ħidma preċedenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka indikat li l-esperjenza tas-solitudni fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-25 sena żdiedet b'aktar mid-doppju bejn l-2016 u r-rebbiegħa tal-2020.

FILWAQT LI JQISU LI:

9. Il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali[10]. Il-Komunikazzjoni tappella lill-Istati Membri biex irawmu approċċ komprensiv u orjentat lejn il-prevenzjoni li jinkorpora s-saħħa mentali fil-politika kollha tal-UE bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika, filwaqt li jieħdu impenn li jtejbu l-kwalità tal-ħajja, jindirizzaw fatturi determinanti u kwistjonijiet trażversali biex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi differenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u jindirizzaw speċifikament il-prevalenza ta' problemi ta' saħħa mentali fost dawn il-gruppi, fosthom iż-żgħażagħ. Bosta inizjattivi emblematiċi jiffukaw fuq is-saħħa tat-tfal u taż-żgħażagħ u jindirizzaw kemm is-saħħa mentali kif ukoll dik fiżika b'mod komprensiv. Skont din il-Komunikazzjoni, kull ċittadin tal-UE għandu jkollu aċċess għal prevenzjoni adegwata u effettiva. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari, għandha rwol sinifikanti fil-promozzjoni il-ġid taż-żgħażagħ u fil-prevenzjoni ta' problemi ta' saħħa mentali.

[9] Casabianca, E.J., Nurminen, M., Interventions to reduce loneliness among youth, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, doi:10.2760/793941, JRC129905.

[10] Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

10. Il-fatturi determinanti tas-saħħa mentali jinteraġixxu mal-inugwaljanzi eżistenti fis-soċjetà, u jpoġġu lil xi persuni f'riskju ogħla ta'tas-saħħa mentali ħażina minn oħrajn . Barra minn hekk, il-vjolenza, il-mibegħda, kif ukoll id-diskriminazzjoni jistgħu jaġixxu bħala kawża għal saħħa mentali ħażina, u b'hekk il-promozzjoni tal-ugwaljanza fis-soċjetajiet tagħna hi miżura preventiva kruċjali biex nindirizzaw dawn l-isfidi.

11. L-Ewrobarometru dwar iż-Żgħażagħ u d-Demokrazija fis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022[11] iddikjara li ż-żgħażagħ iqisu t-titjib tas-saħħa u l-benesseri mentali u fiżiċi bħala l-aktar tema ta' prijorità importanti għas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, flimkien mat-tibdil fil-klima (it-tnejn li huma ġew ivvutati bħala l-ogħla prijorità minn 34 % ta' dawk mistħarrġa). Barra minn hekk, id-data tal-Ewrobarometru turi li t-tieni l-aktar stennija importanti tal-UE, wara li tinżamm il-paċi, hi ż-żieda fl-opportunitajiet ta' xogħol.

12. Fost suġġetti oħra, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ ikkonċentrat fuq il-ħolqien mill-ġdid ta' perspettiva pożittiva għaż-żgħażagħ u inkludiet attivitajiet li jappoġġaw is-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom. Matul il-konferenza tal-għeluq tagħha, bit-tema "Claim the Future", il-parteċipanti żgħażagħ, dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati appellaw għal enfasi akbar fuq il-kura tas-saħħa preventiva u fuq il-ġlieda kontra problemi ta' saħħa mentali u s-solitudni.

[11] Ewrobarometru Flash [2282 / FL502], Youth and Democracy in the European Year of Youth, Mejju 2022.

13. Eżerċizzju fiżiku regolari u attivitajiet sportivi, kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, jistgħu jagħtu spinta lis-saħħa u l-benesseri ġenerali taż-żgħażagħ, filwaqt li jkollhom benefiċċji konsiderevoli fuq medda qasira u twila ta' żmien għas-saħħa mentali. Kif turi l-evidenza[12], in-nuqqas ta' attività fiżika għandu tendenza li jiżdied mal-età, u b'hekk hu dejjem aktar vitali li ż-żgħażagħ ikollhom l-għarfien u l-imġiba bażiċi li jippermettulhom iżommu b'mod awtonomu stil ta' ħajja attiv u san matul ħajjithom kollha.

14. It-tħassib ewlieni li esprimew iż-żgħażagħ b'rabta mal-instabbiltà ekonomika, in-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg jew l-ansjetà ekoloġika dejjem akbar qed joħloq problemi ta' saħħa mentali li ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament għal proċessi patoloġiċi. 75 % tat-tfal u ż-żgħażagħ "jibżgħu" jaħsbu dwar il-futur[13]. Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet lis-saħħa pubblika fuq quddiem nett tal-aġenda politika. Tagħlima li għandna nieħdu mill-kriżi soċjoekonomika u tas-saħħa ta' dawn l-aħħar snin hija li problemi soċjali multidimensjonali jistgħu jissolvew biss billi jiġi adottat approċċ trażversali.

---

12 Ewrobarometru Speċjali 525, Sport and Physical Activity, Settembru 2022.

13 Caroline Hickman, Elizabeth Marks, Panu Pihkala, Susan Clayton, R Eric Lewandowski, Elouise E Mayall, Britt Wray, Catriona Mellor, Lise van Susteren, Climate anxiety in children and young people and their beliefs about government responses to climate change: a global survey, The Lancet Planetary Health, Volum 5, Ħarġa 12, Diċembru 2021, paġni e863-e873.

15. Organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), jenfasizzaw l-importanza li jiġi applikat approċċ multisettorjali għall-protezzjoni u l-kura tas-saħħa mentali taż-żgħażagħ, filwaqt li jaffermaw li "ħafna mill-fatturi protettivi għal saħħa mentali tajba jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi jew programmi tas-saħħa mentali mfassla speċifikament biex isaħħu jew jipproteġu s-saħħa mentali. Fatturi soċjali, ekonomiċi u kulturali, bħall-istatus tal-impjieg, l-introjtu, is-saħħa fiżika, esperjenzi matul it-tfulija u l-adoloxxenza, kollha għandhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa mentali tul il-ħajja"[14]. Barra minn hekk, ir-rapport[15] tal-Eurofound tal-2021 imsemmi hawn fuq indika li l-akbar tnaqqis fil-benesseri mentali (li kien laħaq l-aktar livell baxx tiegħu fil-gruppi tal-età kollha mill-bidu tal-pandemija) ġie osservat fost dawk li kienu tilfu xogħolhom.

16. In-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-qgħad huma determinanti soċjoekonomiċi importanti tas-saħħa mentali. L-appoġġ għaż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta, biex isibu xogħol u jżommuh għandu jkun prijorità tal-politika ekonomika, soċjali u tas-saħħa pubblika. Min iħaddem jaqdi rwol importanti fil-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol biex jevita l-impatt negattiv potenzjali fuq is-saħħa mentali tal-impjegati tagħhom, fosthom ħaddiema żgħażagħ.

[14] OECD, A New Benchmark for Mental Health Systems: Tackling the Social and Economic Costs of Mental Ill-Health, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, p. 162, 2021.
[15] Eurofound, Living, working and COVID-19 dataset, 2021.

17. Il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040"[16], li skontha għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ f'żoni rurali u mbiegħda, li l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-ħtiġijiet tal-kura tagħhom jistgħu jvarjaw minn dawk ta' żgħażagħ f'żoni urbani. Minħabba l-kundizzjonijiet tal-għajxien speċifiċi għaż-żgħażagħ f'żoni rurali, mbiegħda, periferali, inqas żviluppati u f'reġjuni ultraperiferiċi, pereżempju minħabba l-prekarjetà u nuqqasijiet tas-servizzi pubbliċi, l-iżolament, opportunitajiet ta' xogħol skarsi u kundizzjonijiet tax-xogħol ħorox[17] li jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tagħhom, iż-żgħażagħ li jgħixu f'dawn iż-żoni jeħtieġu miżuri speċifiċi bbażati fuq analiżi evidenzjali. Skont l-Eurostat[18], il-proporzjon ta' żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-24 sena li jgħixu f'żoni rurali tal-UE li la kienu f'xogħol u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ (NEET) kien ogħla minn dak irreġistrat għal żgħażagħ f'żoni urbani. Ma' dan il-livell ta' prekarjetà—fih innifsu kawża ta' problemi ta' saħħa mentali—jinżied il-fatt li x'aktarx li żgħażagħ f'żoni rurali inqas ifittxu attenzjoni medika minħabba d-distanzi twal li jkollhom jivvjaġġaw[19].

---

[16] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040", COM/2021/345 final.

[17] Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

[18] Eurostat (2023). Statistika ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg u taħriġ skont is-sess, l-età u l-livell ta' urbanizzazzjoni (rati NEET), Mejju 2023.

[19] L-Annwarju Reġjonali tal-Eurostat, 2017.

18. Għalkemm il-kwistjoni tas-saħħa mentali tolqot liż-żgħażagħ kollha fl-UE b'mod ġenerali, aktar ma ż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom ma' żvantaġġi, aktar ikunu vulnerabbli. Minbarra l-ħafna sfidi kumplessi l-oħra li jridu jegħlbu, żgħażagħ f'riskju ta' esklużjoni soċjali jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal, pereżempju, minoranzi etniċi, persuni LGBTI, persuni b'diżabbiltà, f'istituzzjonijiet tal-kura taż-żgħażagħ, mingħajr il-kura tal-ġenituri jew f'riskju li jitilfuha, jew dawk f'sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi żvantaġġati, huma f'riskju akbar li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali. L-esponiment għad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza jagħmel ħsara lis-saħħa mentali tagħhom, speċjalment meta ż-żgħażagħ jiġu affettwati minn diskriminazzjonijiet jew żvantaġġi multipli. In-nuqqas ta' attenzjoni speċifika li dawn il-gruppi ta' żgħażagħ xi drabi jirċievu għall-iżvilupp soċjali tagħhom fl-iskejjel u ambjenti edukattivi oħra - li jista' jwassal għall-bullying - huwa wkoll kawża ta' tħassib. Huwa ta' importanza kbira li nsaħħu s-saħħa u l-benesseri mentali, niżviluppaw il-ħiliet soċjoemozzjonali kemm taż-żgħażagħ kif ukoll tal-edukaturi tagħhom u persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, u li niġġieldu l-bullying, fost l-oħrajn il-bullying ċibernetiku, il-fastidju u l-abbuż sesswali.

19. Biex inrawmu sens ta' komunità fiċ-ċittadini ta' stat—prerekwiżit għall-istabbiltà tiegħu—huwa kruċjali li nimplimentaw miżuri preventivi biex itaffu problemi ta' solitudni, biża', ansjetà, in-nuqqas ta' difiża u l-prekarjetà, li ż-żgħażagħ huma partikolarment vulnerabbli għalihom, kif ukoll li nippromwovu fatturi li jipproteġu r-reżiljenza u l-benesseri, u b'hekk nikkontribwixxu għall-ħolqien ta' soċjetajiet ġusti li joffru opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Huwa essenzjali wkoll li ż-żgħażagħ jiġu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' politika li jista' jkollha impatt fuq is-saħħa mentali tagħhom u li titqies il-perspettiva tagħhom.

20. Skont ir-rapport "L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ: Reazzjonijiet ta' politika fil-pajjiżi Ewropej "[20], billi tipprovdi opportunitajiet għas-soċjalizzazzjoni, il-qsim ta' esperjenzi u l-iżvilupp ta' sens ta' appartenenza, il-ħidma fost iż-żgħażagħ taqdi rwol ewlieni fil-protezzjoni tas-saħħa mentali taż-żgħażagħ.

L-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, HUMA MISTIEDNA:

21. Itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taż-żgħażagħ tal-pajjiżi rispettivi tagħhom, jippromwovu approċċ transsettorjali mmirat lejn il-prevenzjoni ta' problemi ta' saħħa mentali, it-tneħħija ta' ostakli strutturali għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom u l-ħolqien ta' ambjenti li jappoġġaw il-benesseri soċjoekonomiku u psikoloġiku tagħhom.

22. Jinkoraġġixxu t-titjib ta' aċċess ugwali u affordabbli għaż-żgħażagħ, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, għal servizzi tal-kura tas-saħħa mentali li joffru prevenzjoni, trattament u kura, filwaqt li jaħdmu dejjem aktar fid-dixxiplini kollha u jimxu lejn soluzzjonijiet li ċ-ċentru tagħhom hi l-persuna u bbażati fil-komunità.

[20] Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, "The impact of the COVID-19 pandemic on the mental health of young people: Policy responses in European countries', il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

IL-KUMMISSJONI, SKONT IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, HIJA MISTIEDNA:

23. Iżżomm approċċ proattiv għas-saħħa mentali, li jindirizzaha minn perspettiva multisettorjali li tkun kemm preventiva kif ukoll intervenzjonista, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-ispeċifiċitajiet taż-żgħażagħ fl-UE, speċjalment dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, u jkollu fil-mira r-riintegrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tagħhom.

24. Tippromwovi azzjonijiet bil-għan li jtejbu s-saħħa mentali taż-żgħażagħ b'rabta mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, tqis problemi ta' saħħa mentali bħala konsegwenza ta' taħlita ta' fatturi materjali u psikosoċjali, fosthom avvenimenti negattivi fit-tfulija, prekarjetà, nuqqas ta' sigurtà, nuqqas ta' koeżjoni soċjali, relazzjonijiet familjari u soċjali, aċċess inugwali għad-drittijiet u servizzi soċjali bażiċi, vulnerabbiltà f'ambjenti edukattivi, ir-rwol tal-media soċjali, l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ rurali u, b'mod ġenerali, kull ċirkostanza negattiva li twaqqaf liż-żgħażagħ milli jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom.

25. Tinkoraġġixxi studji dwar l-impatt ta' problemi ta' saħħa mentali fuq iż-żgħażagħ fl-UE. Minbarra l-età, dawn l-istudji jistgħu jikkunsidraw l-użu ta' data diżaggregata skont elementi ewlenin oħra li jolqtu l-ħajja taż-żgħażagħ. Dawn l-istudji ser jgħinu biex jiggwidaw aħjar l-azzjonijiet u l-investiment tar-riżorsi. Trawwem it-tixrid ta' dawn l-istudji bħala parti mill-isforzi ta' sensibilizzazzjoni għall-ġlieda kontra l-istigma li għadha teżisti bħalissa marbuta ma' problemi ta' saħħa mentali u tappoġġa t-trasferiment tal-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza dwar is-saħħa mentali madwar l-Istati Membri.

L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, SKONT IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, HUMA MISTIEDNA:

26. Jikkoordinaw l-isforzi biex inaqqsu r-rati ta' inċidenza u prevalenza ta' problemi ta' saħħa mentali fost iż-żgħażagħ billi jisimgħu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żgħażagħ, kif ukoll is-soluzzjonijiet issuġġeriti tagħhom, u jimxu 'l quddiem bl-azzjonijiet.

27. Iqisu l-prevalenza ta' problemi ta' saħħa mentali fost iż-żgħażagħ fl-UE meta jiżviluppaw politika li hija proporzjonata mal-iskala tal-problema, b'konċentrazzjoni speċjali fuq miżuri preventivi. Jiżguraw li l-miżuri proposti jkunu komprensivi u bbażati fuq l-evidenza u li l-iżvilupp tal-politika jimxi id f'id mal-aħħar evidenza xjentifika, rakkomandazzjonijiet u studji dwar is-saħħa mentali mwettqa fl-UE u f'kull Stat Membru.

28. Jinkoraġġixxu azzjonijiet biex ineħħu l-istigma ta' problemi ta' saħħa mentali u jqajmu kuxjenza billi jippromwovu messaġġi li jistiednu liż-żgħażagħ jadottaw imġiba li ttejjeb il-benesseri mentali tagħhom u jitolbu għajnuna minn professjonisti fi strutturi ta' prevenzjoni ta' riskju psikoloġiku biex itaffu t-tbatija tagħhom u jevitaw is-suwiċidji.

29. Irawmu l-eliminazzjoni ta' messaġġi ta' mibegħda, vjolenza u abbuż fil-media, inkluż il-media soċjali, li jattakkaw gruppi ta' żgħażagħ fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu għall-benesseri psikoloġiku u emozzjonali tagħhom.

30. Jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-20 inizjattiva emblematika u azzjonijiet oħra tal-Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali[21], minn firxa wiesgħa ta' oqsma essenzjali biex jindirizzaw l-isfidi tas-saħħa mentali madwar l-UE u fil-livell nazzjonali, inkluż it-tħejjija ta' linji gwida u t-trasferiment tal-aħjar prattiki u approċċi innovattivi biex jindirizzaw il-kwistjoni tas-saħħa mentali taż-żgħażagħ.

31. Joħolqu modi, kif ukoll jagħmlu użu tajjeb mill-għodod diġà disponibbli bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Ilħna taż-Żgħażagħ[22], għaż-żgħażagħ biex iqajmu kuxjenza dwar problemi ta' saħħa mentali li jixtiequ jenfasizzaw u jesprimu l-fehmiet u t-tħassib tagħhom dwar is-saħħa mentali tagħhom u l-approċċi biex jindirizzaw il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom. Jiżguraw li ż-żgħażagħ ikunu konxji mill-importanza li jinvolvu ruħhom biex jiżguraw l-effettività u r-rilevanza tal-miżuri li għandhom jiġu adottati, bl-użu, pereżempju, ta' komunikazzjoni faċli għaż-żgħażagħ u aċċessibbli.

32. Jiżguraw li żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jkunu rappreżentati fl-iżvilupp ta' programmi ta' politika pubblika dwar is-saħħa mentali sabiex dawn ma jqisux biss l-interessi taż-żgħażagħ b'aċċess aktar faċli għal mezzi ta' parteċipazzjoni istituzzjonali, iżda jqisu wkoll l-interessi ta' dawk li jsibuha ferm aktar iebsa li jsemmgħu leħinhom. Jappoġġaw il-promozzjoni ta' mezzi għaż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli biex ileħħnu t-tħassib tagħhom.

33. Ikomplu jappoġġaw il-ħidma fost iż-żgħażagħ sabiex tkun tista' taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha fil-protezzjoni tas-saħħa mentali taż-żgħażagħ billi tippermetti liż-żgħażagħ jieħdu sehem f'attivitajiet li huma bbażati l-iktar fuq ir-relazzjonijiet u l-fiduċja bejn iż-żgħażagħ u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jfittxu l-għajnuna meta jkunu qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet emozzjonali u psikoloġiċi.

[21] Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.
[22] L-Ilħna taż-Żgħażagħ hija pjattaforma tal-Kummissjoni Ewropea li tirreġistra l-leħen imnedija matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 li biha ż-żgħażagħ jistgħu jesprimu l-ħsibijiet, it-tħassib u l-proposti tagħhom.

34. Jappoġġaw il-ħidma fost iż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fir-rwol tagħhom li jagħtu informazzjoni liż-żgħażagħ u jippermettulhom ixerrdu informazzjoni ta' kwalità dwar kif insaħħu s-saħħa u l-benesseri mentali taż-żgħażagħ u nindirizzaw problemi ta' saħħa mentali jekk ikun meħtieġ.

35. Jippromwovu spazju diġitali aktar sikur u san għaż-żgħażagħ, f'konformità mad-dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali[23]. Dan jinkludi li jinkoraġġixxu s-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ fil-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni u fl-użu responsabbli tal-mezzi soċjali b'salvagwardji kontra riskji bħall-bullying ċibernetiku, diskors ta' mibegħda, grooming u ħin eċċessiv quddiem skrin, kif ukoll li jagħtu protezzjoni u informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni aggressiva online ta' prodotti bħal ikel u xorb mhux tajba għas-saħħa, alkoħol, tabakk u prodotti simili.

[23] Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, 2023/C 23/01.

Referenzi:

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final.

Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, "The impact of the COVID-19 pandemic on the mental health of young people: Policy responses in European countries', il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040", COM/2021/345 final.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "The long-lasting legacy of the European Year of Youth: youth mainstreaming and empowerment", 2022.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Dokumenti Informattivi tad-WHO, "Mental health: strengthening our response", 2022.

L-OECD u l-Unjoni Ewropea, "Health at a Glance: Europe 2022, State of Health in the EU Cycle", Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2022.

Casabianca, E.J., Nurminen, M., Interventions to reduce loneliness among youth, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, doi:10.2760/793941, JRC129905.

Caroline Hickman, Elizabeth Marks, Panu Pihkala, Susan Clayton, R Eric Lewandowski, Elouise E Mayall, Britt Wray, Catriona Mellor, Lise van Susteren, Climate anxiety in children and young people and their beliefs about government responses to climate change: a global survey, The Lancet Planetary Health, Volum 5, Ħarġa 12, Diċembru 2021, paġni e863-e873.